Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Matthew Grech]

vs

Slava Baldacchino

Kumpilazzjoni Numru: 115/21

Illum, 17 ta' Mejju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Slava Baldacchino detentur tal-karta tal-identita` numru 0605498M akkuzat talli nhar is-26 ta' Frar 2021 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (1900hrs) u fil-granet

u gimghat ta’ qabel gewwa Triq il-Bahar l-Iswed San Gwann u/jew f’postijiet ohra f’Malta:-

1. Ikkommetta serq ta’ mowbajl tal-ghamla ‘Samsung’ tal-valur ta’ erbgha mitt ewro (€400), ghad-dannu ta’ Chante Du Toit, liema serq huwa ikkwalifikat bil-‘valur’ u bil-‘hin’ u dan bi ksur tal-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D, fid-digriet moghti nhar it-18 ta’ Settembru 2019, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Reenda ruhu recediv b’diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu u dan bi ksur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil

Slava Baldacchino u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Slava Baldacchino, u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex s-somma ta' €8000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 579(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni u stante li ghat-tieni (2) akkuza l-imputat diga' gie ssentenzjat, il-Qorti qed issib lill-imputat Slava Baldacchino hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza u

tikkundannah piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**